# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Ottubru, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **436/2018**

**GO P.L.C**
[REG. NRU. C-22334]

***VERSUS***

**MINERVA LIMITED**
[REG. NRU. C-62355]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-31 ta' Awwissu, 2018 fejn is-socjetà attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' seba' mija u erbghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€740.23c) rapprezentanti servizzi in konnessjoni ma' servizz ta' komunikazzjoni fuq il-kont numru AC40428507, kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. Talbet ukoll l-ispejjez ta' dawn il-proceduri gudizzjarji, l-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' ittra ufficjali datata l-1 ta' Settembru, 2017 bir-referenza numru 2057/2017 u l-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' l-imsemmija ittra ufficjali.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi dirigent jew rapprezentant taghha ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza tat-2 ta' Ottubru, 2019 (*a fol*. 40) u la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha ghas-seduti mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi difensur ghaliha biex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici. Ghalhekk, il-konvenuta waqghet fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif puntwalizzat fil-verbal ta' l-imsemmija udjenza.[1]

Fil-konfront ta' l-imsemmi konvenuta gie prezentant kapitolu mill-attrici fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru, 2019 (ara *a fol*. 42). Dan il-kapitolu gie dikjarat bhala mistqarr fl-udjenza successiva, hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2019 (*a fol*. 43). Peress li l-konvenuta naqset milli tirregistra dehera biex twiegeb ghal tali kapitolu, fid-dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut u ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr. Kif diga' mghadud, dan kollu gie puntwalizzat fil-verbal ta' l-udjenza l-ahhar imsemmija, f'liema udjenza l-procediment thalla ghas-sentenza ghal-llum.

It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, il-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta [*vide* Artt. 698(2) u 702(3)]. Minn tali disposizzjonijiet huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f'min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad

---

[1] Ghall-istitut tal-kontumacja u kif dan japplika ghal procedimenti quddiem dan it-Tribunal, wiehed huwa mistieden jara *in re* **Margal Limited v. Eucharist Bajada** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 5 ta' Frar, 2019).

fid-decizjoni *in re* **Anthony Borg v. Samwel Veneziani** (Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998), illi "*din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut*." Fl-istess sens ara s-sentenza *in re* **Stephen Vella et v. Bollicine Limited** (Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008).

Madanakollu, ghalkemm huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-omissjoni tieghu li jikkontesta l-kawza formalment, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni (i.e., l'hekk imsejha konfessjoni gudizzjarja). Imma dana ma jfissirx li min hu tenut jiggudika huwa obligat joqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija semplici mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-gudikant jidhrilu li ghandu jaghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, l-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra. F'dan is-sens ara d-decizjoni *in re* **Tabib Dr. Antonio Zammit et v. Francesco Pace et** (Prim'Awla, 28 ta' Gunju, 1952). In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-gurisprudenza, issoktaw jaffermaw, u jikkawtelaw ukoll, illi tali prova wehida mhux necessarjament u bilfors ghandha tiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni tal-parti attrici in kwantu dak l-istat migjub in essere bil-kapitolu ma ghandux ifisser li qed jintroduci derogi ghall-principju tal-piz tal-provi. Kif rilevat mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fil-kawza *in re* **James Trapani et v. Vincent Cilia** (28 ta' April 2000), "*il-kapitoli jitqiesu konfessati però dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga' prodotta quddiem il-Qorti. Dan ghaliex kif gja' nghad is-subizzjoni setghet tintalab f'kull parti tal-procedura.*"

Apparti l-imsemmija konfessjoni/jiet gudizzjali, it-Tribunal ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni mehmuza mal-Avviz tat-Talba (*a foll*. 4–18) u kif ukoll ta' l-affidavit ta' Marisa Galea Debono, impjegata mal-attrici fid-Dipartiment tal-*Credit Control*, li jghid li kien ghad fadal bilanc fl-ammont ta' €740.23c dovut mill-konvenuta lill-istess attrici (*a fol*. 15). Inoltre, it-Tribunal ha kont ta' dak affermat mid-difensur ta' l-attrici fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2019 fejn, f'kapacità rapprezentattiva, stqarret hekk: "*Dr. Maria Lisa Buttigieg tgharraf lit-Tribunal illi giet debitament inkarigata u awtorizzata mis-Socjeta' Attrici sabiex fl-udjenza tal-llum tikkonferma illi l-istess Socjeta' Attrici ma rceviet l-ebda ammont akkont tas-somma pretiza f'din il-kawza u li ghaldaqstant l-ammont ta' EUR740.23 ghadu interament dovut mill-Konvenuta lill-Attrici.*" (ara *a fol*. 43).

Wara li t-Tribunal ha konjizzjoni ta' dan kollu, li jixhed dwar l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri, l-istess jinsab konvint li mill-assjem tieghu jirrizulta li t-talba tas-socjetà attrici hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjetà attrici ma ghandux mis-sewwa.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat – u bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjetà attrici huwa interament dovut mill-konvenuta.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjetà attrici u konsegwentement jikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallas lill-istess socjetà attrici s-somma ta' seba' mija u erbghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€740.23c), bl-imghaxijiet fuq tali ammont, bir-rata ta' 8%, jibdew mill-31 ta' Awwissu, 2018 (data tal-prezenti sejha gudizzjarja[2]) sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluz dawk marbuta ma' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Settembru, 2017 bir-referenza numru 2057/2017, kif mitlub fl-Avviz tat-Talba, huma kollha a kariku tal-konvenuta.

***ft.*** **AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.*** **ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

---

[2] Mill-atti jirrizulta illi fl-1 ta' Settembru, 2017 giet prezentata ittra ufficjali (*a fol.* 16) u mill-kopja ezebita jidher li l-istess qatt ma giet notifikata lid-debitur, hawnhekk konvenuta (ara *a fol.* 18). Ghalhekk, il-pretiza msemmija f'tali missiva gudizzjarja qatt ma twasslet a konoxxenza tad-debitur imsemmia fiha. Inoltre, l-effetti ta' tali ittra ufficjali jibdew isehhu minn meta l-istess tigi notifikata lid-debitur indikat fiha, hekk kif rikonoxxut fl-Art. 890 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula li, "*Il-protest jew l-ittra ufficjali jibdew isehhu minn dak in-nhar tan-notifika*." F'dan il-kaz, kif juru l-atti gudizzjarji ta' din il-kawza, wiehed ma jistax jitkellem dwar notifika, ghax notifika debita hija kompletament inezistenti. Allura, jiddixxendi li wiehed ma jista' jatribwixxi l-ebda effikacja guridika lill-imsemmi att gudizzjarji (i.e., ittra ufficjali ezebita *a fol.* 16) li ma giex debitament notifikat. Tali effetti, allura, jirriverberaw negattivament fuq il-pretiza tad-dekorriment ta' l-imghaxijiet kif mitlub mill-attrici fl-att promotur. Din l-osservazzjoni diga' kienet sehhet minn dan it-Tribunal, diversament presjedut, fil-kawza *in re* **Go p.l.c. v. Beatriz Diaz Pedraza** (decizjoni moghtija fit-23 ta' Settembru, 2015) u, fost diversi ohrajn ta' dan it-Tribunal kif illum presjedut, fil-kawza *in re* **Go p.l.c. v. Emanuel Sant** (decizjoni moghtija fl-20 ta' Ottubru, 2017).